**176. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Graham Bencini u l-Onor. Robert Cutajar jipproponu li:**

Peress li nhar id-29 ta' Lulju 2021 ġie ppubblikat ir-rapport tal-Bord ta' Inkjesta dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia li permezz tiegħu ġie rrakkomandat li l-istat għandu jeżamina fil-fond l-istat tal-ġurnaliżmu u l-eżerċizzju tal-jedd fondamentali tal-libertà tal-espressjoni permezz ta' kumitat ta' esperti kompost minn akkademiċi, esperti fil-liġi tal-midja, ġurnalisti u sidien ta' *media houses* bil-għan li jagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jitqiegħdu għal konsiderazzjoni tal-Parlament fi żmien qasir;

Peress li kif ingħad fl-imsemmi rapport tal-Bord ta' Inkjesta dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrikonoxxi r-rwol vitali tal-ġurnaliżmu indipendenti u tassigura l-ħarsien tiegħu billi jimponi fuq l-Istat obbligu illi pożittivament jaġixxi biex joħloq sistemi effettivi li adegwatament jipproteġu lill-ġurnalisti u jippromwovu l-ġurnaliżmu ħieles;

Peress li f'pajjiżna huwa meħtieg li jinħoloq u jiġi żgurat ambjent li jħeġġeġ lill-ġurnalisti biex jaħdmu dejjem fit-tfittxija tal-verità u jipproteġi lil dawk kollha li jeżerċitaw il-jedd fondamentali tal-libertà tal-espressjoni;

Peress illi nhar il-11 ta' Jannar 2022, il-Gvern ħatar Kumitat ta' Esperti dwar is-Settur tal-Midja kif irrakkomandat mill-Bord tal-Inkjesta dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;

Peress li f'April 2022, il-Kumitat tal-Esperti dwar is-Settur tal-Midja ppreżenta l-ewwel rapport tiegħu lill-Onor. Prim Ministru;

Peress illi nhar l-4 ta' Ottubru 2022, il-Gvern ippreżenta l-Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika (Abbozz ta' Liġi Nru 17), l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Abbozz ta' Liġi Nru 18) u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti (Abbozz ta' Liġi Nru 19);

Peress illi nhar 1-24 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tal-Esperti dwar is-Settur tal-Midja ppreżenta t-tieni rapport tiegħu lill-Onor. Prim Ministru, liema rapport ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra nhar it-2 ta' Ottubru 2023 ;

Peress li nhar it-2 ta' Ottubru 2023 il-Prim Ministru stqarr fil-Kamra li l-Gvern ser jippubblika *white paper* bl-abbozzi ta' liġijiet ġodda magħha u jkun hemm proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi ta' liġijiet ġodda qabel il-proċess leġislattiv fil-Kamra;

Peress illi huwa xieraq u meħtieġ li l-Kamra tinvestiga u twettaq aktar konsultazzjoni wiesgħa dwar dan is-suġġett;

U peress li l-Ordni Permanenti 121 jipprovdi li l-Kamra tista' taħtar kumitat magħżul tal-membri tagħha biex jinvestiga kull suġġett u li l-Ispeaker jista' jiġi maħtur membru ta' kumitat magħżul;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi li:

1. Minnufih taħtar Kumitat Magħżul minn fost il-membri tagħha bil-għan li dan jinvestiga, jagħmel konsultazzjoni wiesgħa u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament dwar il-materji kollha msemmija f'din ir-riżoluzzjoni;

2. Il-Kumitat Magħżul għandu jkun kompost u presedut mill-Ispeaker tal-Kamra u fl-assenza tiegħu mid-Deputat Speaker tal-Kamra u għandu jkun kompost ukoll minn tliet membri nominati mill-Prim Ministru u tliet membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni u kull naħa tal-Kamra għandha tinnomina tliet membri sostituti;

3. Il-Kumitat Magħżul ikun jista' jirregola l-proċedura tiegħu minkejja kull provvediment tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u għandu jisma' u jirċievi opinjonijiet, suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-pubbliku in ġenerali;

4. Erba' membri tal-Kumitat Magħżul għandhom jikkostitwixxu quorum; u

5. Il-Kumitat Magħżul għandu minnufih jibda l-ħidma tiegħu u għandu jlesti u jippreżenta r-rapport tiegħu mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data meta l-Gvern jippubblika l-*white paper* bl-abbozzi ta' liġijiet ġodda magħha.

16 ta' Ottubru 2023